# KEMM LESTI LI NIEKLU FROTT U ĦAXIX B'FORMA STRAMBA?

Dan l-aħħar il-Kummissjoni Ewropea ħabbret li qegħda fil-proċess li tbiddel ir-Regolament numru 1677/88 sabiex twaqqaf ħaxix u frott b'forma stramba milli jinbiegħ fis-suq Ewropew. Imma aħna l-konsumaturi kemm aħna lesti li naraw li dawn l-i*standards* fis-suq jiġu mwarrba u jibda jkollna fix-xirja tagħna frott u ħaxix b'forma stramba?



minn Brenda Azzopardi
Uffiċjal tal-MEUSAC

Hemm 26 tip differenti ta' frott u ħaxix, li jinkludu l-fażola, il-karrotti, iċ-ċirasa, il-ħjar, li għalihom dawn l-*istandards* għandhom ikunu revokati sabiex ikun permess il-bejgħ ta' dawk il-prodotti li jkollhom tbajja' kif ukoll ilwien differenti. Permezz ta' dawn l-inizjattivi, il-Kummissjoni qegħda tagħmel minn kollox biex tnaqqas il-burokrazija żejda, u tagħmel dawn ir-regolamenti iktar effiċjenti u sempliċi. Għal 10 tipi oħra ta' frott u ħaxix, li huwa kkalkulat li jammontaw għal madwar 75% tal-valur tan-negozju fl-UE, u li jinkludu t-tuffieħ, il-frawli u t-tadam, dawn jistgħu ma jsegwux l-*istandards*, sakemm huma permessi fl-Istat Membru tagħhom.

Huwa stmat li madwar 20% tal-produzzjoni fl-Ewropa mhix aċċettata fis-suq għax mhijiex konformi mar-regolamenti preżenti. Għal bosta kritiċi, mhux xieraq li jinħlew dawn it-tunnelati kollha ta' prodotti. Għalkemm dan il-frott u ħaxix jista' jkun użat għall-ipproċessar, ħafna drabi jispiċċa jintrema peress illi l-ispejjeż tat-trasport ikunu ikbar minn kemm jiswew huma. Jekk wieħed jieħu, per eżempju, ir-regolament dwar il-karrotti, bħalissa huwa stipulat li dan il-wiċċ tar-raba ma jistax jinbiegħ jekk



ikun maqsum f'żewġ partijiet jew inkella mingħajr għeruq. Tuffieħ li jkun ittikettjat b'tabelli li juru li dan il-prodott huwa ta' daqs taħt il-50 mm diametru, jew ta' piż inqas minn 70g, ma jkunx jista' jinbiegħ.

Il-fatt hu li, bħala frott jew ħaxix, dawn xorta jkunu tajbin għall-konsum. Biss, minħabba d-dehra tagħhom fil-preżent, dawn qatt ma jkunu esposti għax-xiri. Huwa maħsub li l-bidliet il-ġodda jiġu adottatti mill-Kummissjoni Ewropea fis-sajf tal-2009.

MEU SAC
Malta-EU Steering & Action Committee
indirizz: 280 Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2590 9101 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt